Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

*Chairperson*,
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L. XXX of 2018

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamel dawn ir-Regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.44.**

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemenda regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.**

2. Ir-Regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu il-kliem "Titolu u bidu fis-seħħ" għandhom jiġu mibdula għal "Titolu";
(b) is-subregolament (2) u (3) għandhom jiġu mħassra;
(ċ) is-subregolament (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala Regolament 1.

**Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

3. Fis-subregolament 3(b) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "79/409/EEC tat-2 ta' April 1979" għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem li ġej "2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009".

**Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.**

4. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali immedjatament wara t-tifsira ta' "tipi ta' ambjenti naturali ta' prijorità" għandha tidħol din it-tifsira ġdida:

**Kap. 551.**

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kif stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;"

**Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

5. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolment (2) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subregolementi (d) u (e) rispettivament;

(ii) wara paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid:

"(ċ) il-manteniment u r-restawr, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, ta' speċi tat-tip indikat fl-Iskeda III:"

(b) wara subregolment (3) għandu jiżdied il-subregolament il-ġdid li ġej:

"(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (1) u (2), l-awtorità kompetenti tista' ukoll tipproponi siti ta' importanza nazzjonali minħabba l-karateristiċi ekoloġiċi, ġeoloġiċi u naturali tas-sit skont il-provvedimenti tal-Att."

**Jemenda regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.**

6. Is-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Hekk kif jiġi identifikat mill-awtorità kompetenti ta':

(a) sit ġdid ta' SAC jew SPA; jew
(b) estenzjoni ta' SAC jew SPA eżistenti

skont il-provvedimenti tar-regolamenti 9 u 10 kif applikabbli, id-dettalji tas-sit jew siti għandom jiġu ippubblikati fil-Gazetta.

Iżda d-dettalji ta' sit li diġa' ġie ippubblikat fil-Gazzetta permezz ta' dan ir-regolament m'għandhomx bżonn li jerġgħu jiġu ppubblikati."

**Jemenda regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.**

7. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti għandha ukoll tavża lil xi wieħed mis-sidien ta':

(a) kwalunkwe sit li jkun ġie indikat bħala SAC jew SPA ġdid; jew
(b) kwalunkwe estenzjoni ta' SAC jew SPA eżistenti

bl-inklużjoni ta’ dak is-sit fil-lista, u għandha wkoll twaħħal kopja tal-avviż fis-sit. Jekk ebda wieħed mis-sidien ma jkun magħruf, jew jekk mhux raġonevolment possibbli li jiġu notifikati dawk is-sidien, l-avviż imsemmi għandu jitwaħħal biss fis-sit u ma jkunx hemm bżonn issir in-notifika lil dawk is-sidien kif imsemmi qabel.

Iżda għall-estenzjonijiet ta’ SACs jew SPAs eżistenti il-proċess ta’ notifikazzjjoni għandu jkun limitat biss għas-siti fiż-żona tal-estensjoni.”

(b) Is-subregolamenti (2), (3) u (4) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subregolementi (3), (4) u (5) rispettivament.

(c) Immedjatament wara subregolament (1) għandu jiżdied dan is-subregolament il-ġdid li ġej:

“(2) Ir-rekwiżit li tinnotifika lis-sidien tas-sit kif provdut taħt is-subregolament (1) m’għandux japplika għas-siti li għalihom diġà twettaq il-proċess ta’ notifika.”

(d) fit-test Ingliż, il-kliem fis-subregolament (4) kif enumerat mill-ġdid, “of more than one property” għandhom jiġu ssostitiwiti bil-kliem “or more than one property”; u

(e) fis-subregolament (5) kif enumerat mill-ġdid il-kliem “Din it-tabella għandha titwaħħal fuq is-sit sat-30 ta’ Novembru, 2015.” għandhom jiġu mħassra.

**Jemenda regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.**

8. Is-subregolament (9) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi mħassra; u

(b) is-subregolament (9) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(9) L-awtorità kompetenti tista’ tiżviluppa *policies* dwar il-konservazzjoni tal-ġmiel naturali u l-aspetti tal-art li huma ta’ importanza kbira għall-flora u fawna selvaġġa, u dan bil-għan li titjieb il-koerenza ekoloġika tan-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali, in-*Network* Natura 2000 u tan-*Network* Ekoloġiku Pan-Ewropew. “

**Jemenda regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.**

9. Is-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi ssostitwit b’dan li ġej: “Bl-għan ta’ tmexxija tas-siti protetti l-awtorità kompetenti tista’ tidħol fi ftehim ma’ kull sid, inkwilin jew okkupant ta’ art li jiffurmaw parti minn tali siti, dwar it-tmexxija, konservazzjoni, restawr jew protezzjoni tas-sit, jew parti minnu.”

**Jintroduċi regolament ġdid 15A.**

10. Immedjatament wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid 15A:

**Setgħat Addizzjonali**

"15A. Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tipprovdi sistema koerenti għat-tfassil ta' ftehim ta' tmexxija, pjani ta' tmexxija u ordnijiet ta' konservazzjoni;
(b) tissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' tmexxija, pjani ta' tmexxija u ordnijiet ta' konservazzjoni skont il-prijoritajiet tas-sit konċernat, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti; u
(c) tirrevedi b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' tmexxija, pjani ta' tmexxija u ordnijiet ta' konservazzjoni, tagħmel verifiki fuq il-progress tal-implimentazzjoni u taddattahom u iġeddedhom, kif meħtieġ."

**Jemenda Regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.**

11. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu ennumerati mill-ġdid bħala subregolamenti (5), (6) u (7);

(b) is-subregolament (2) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika d-dettalji tal-ordni ta' konservazzjoni fil-Gazzetta u fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tavża lil xi wieħed mis-sidien ta' xi sit li fuqu tkun inħarġet ordni għall-konservazzjoni, u għandha wkoll twaħħal kopja tal-avviż fis-sit. Jekk ebda wieħed mis-sidien ma jkun magħruf, jew jekk mhux raġonevolment possibbli li jiġu notifikati dawk is-sidien, l-avviż msemmi għandu jitwaħħal biss fis-sit u ma jkunx hemm bżonn issir in-notifika lil dawk is-sidien kif imsemmi qabel. L-ordnijiet ta' konservazzjoni għandhom jiġu reġistrati fuq indiċi apposta. Dan l-indiċi għandu jinżamm b'mod elettroniku b'tali manjiera li tkun tista' ssir riċerka biex jiġi determinat jekk fuq sit ikunx hemm ordni għal konservazzjoni."

(ċ) immedjatament wara s-subregolament (2) għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda:

"(3) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi d-dettalji tas-siti protetti relevanti taħt dawn ir-regolamenti lill-Awtorità tal-Artijiet.

(4) Fuq talba, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat li jindika l-istatus ta' sit partikolari wara li jkun imħallas id-dritt li jista' jiġi stabbilit."

(d) fis-subregolament (6) tiegħu, l-kliem "Dwar kull sit li jinsab f'żona speċjali ta' konservazzjoni" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "Dwar kull sit li jinsab f'żona speċjali ta' konservazzjoni jew żona ta' ħarsien speċjali".

(e) fit-test Ingliż tas-subregolament (7) il-kliem "of more than one property" għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "or more than one property".

**Jintroduċi regolament ġdid 17A.**

12. Immedjatament wara regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid 17A:

"**Avviż ta' Protezzjoni.**

17A. (1) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ avviż ta' protezzjoni fil-Gazzetta biex tinnotifika lill-pubbliku dwar il-protezzjoni ta' sit għall-konservazzjoni jew l-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-protezzjoni ta' ambjenti naturali partikolari, speċi jew kategoriji tagħhom, kif ukoll karatteristiċi naturali fis-sit konċernat.

(2) L-avviż ta' protezzjoni għandu jiġi ippubblikat fil-Gazzetta u fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti u għandu jkun validu għal perjodu definit jew indefinit, kif stipulat fl-avviż ta' protezzjoni nnifsu.

(3) L-avviż ta' protezzjoni jista' jinkludi kwalunkwe kundizzjoni jew dispożizzjoni kif l-awtorità kompetenti jidrilha li hu meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konservazzjoni tal-ambjenti naturali, speċi, kategoriji jew karatteristiċi li għalihom l-avviż inħareġ jew biex jiġi żgurat li ma tiġrix ebda deterjorazzjoni ulterjuri tal-ambjenti naturali, speċi jew karatteristiċi. Tali kundizzjonijiet jistgħu jinkludu l-kontoll u l-eradikazzjoni ta' speċi invażivi, projbizzjonijiet għat-twettiq ta' kwalunkwe attività u, jew xogħlijiet fis-sit konċernat.

(4) Kull sid tal-art li jħossu aggravat bil-ħruġ ta' avviż ta' protezzjoni mill-Awtorità jista' tappella quddiem it-Tribunal għal revoka jew modifika tal-avviż ikkonċernat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att."

**Jemenda Regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.**

13. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**L.S. 549.42.**

"Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni Tal-Għasafar Selvaġġi, ebda persuna ma tista' fi kwalunkwe żona f'SAC jew SPA tagħmel xi operazzjoni jew attività, sakemm dik l-operazzjoni jew attività ssir, jew tkun permessa li ssir, mis-sid jew okkupant ta' dak is-sit, u wara li wieħed minnhom ikun avża bil-miktub

lill-awtorità kompetenti bil-proposta tal-operazzjoni jew attività, u liema avviż għandu jispeċifika x-xorta u s-sit propost u tali proposta tkun ġiet approvata mill-awtorità kompetenti."

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, l-kliem "SAC" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "SAC jew SPA".

**Jemenda Regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.**

14. Is-subregolament (1) ta' regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Ebda persuna ma għandha deliberament tiġbor, tikkollezzjona, taqta', taqla' mill-għeruq, tiddistruġġi jew tikkaġuna ħsara b'xi mod lil xi eżemplari ta' speċi ta' flora elenkati fl-Iskedi V(b) u VI(b), jew b'xi mod toħloq impatti negattivi li jistgħu jeffetwaw dawn l-eżemplari. "

**Jemenda Regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.**

15. Wara paragrafu (a) ta' subregolament (1) tar-Regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) ebda persuna ma għandha tiġri wara, tieħu jew tipprova tieħu, taqbad, toqtol jew tipprova toqtol, deliberament tiddistruġġi, tipposjedi, tittrasporta, b'kull mod tbiegħ, tixtri, tpartat, toffri għall-bejgħ jew għat-tpartit, timporta jew tesporta xi eżemplari ta' speċi elenkati fl-Iskedi V(a) u VI(a), bl-eċċezzjoni ta' dawk meħuda legalment qabel l-inklużjoni tagħhom fl-Iskedi, u sakemm ma jkollux permess maħruġ minn qabel mill-awtorità kompetenti."

**Jemenda Regolament 26 tar-regolamenti prinċipali.**

16. Fis-subregolament (1) tar-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali, fit-test Malti biss, il-kliem "fl-Iskeda Xi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda X".

**Jintroduċi Regolament Ġdid 26A.**

17. Immedjatament wara r-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid 26A li ġej:

**Avviż ta' Protezzjoni ta' Speċi.**

"26A. (1) Meta l-awtorità kompetenti temmen li xi speċi għandha stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli jew l-istat ta' konservazzjoni qiegħda teħżien l-awtorità kompetenti tista' toħroġ avviż ta' protezzjoni ta' speċi u tista' tieħu passi għall-ħarsien ta' dawk l-ispeċi kif meħtieġ. L-avviż għandu jkun validu għal perjodu definit jew indefinit, kif stipulat fl-avviż ta' protezzjoni ta' speċi nnifsu.

(2) L-avviżi ta' protezzjoni ta' speċi maħruġa taħt dan ir-regolament jista' jinkludi kwalunkwe kundizzjonijiet jew dispożizzjonijiet oħra li l-awtorità kompetenti jidhrilha meħtieġa jew spedjenti għall-protezzjoni tal-ispeċi, li jistgħu jinkludi projbizzjonijiet dwar it-twettiq ta' kwalunkwe attività u, jew xogħlijiet li jistgħu jikkawżaw ħsara. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika d-dettalji ta' tali avviż ta' protezzjoni ta' speċi fil-Gazetta u fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti."

**Jemenda Regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.**

18. Ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

**Enumerazzjoni mill-ġdid.**

(a) fis-sub-regolament (2) tiegħu, il-paragrafi (a) sa (h) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala (b) sa (i);

(b) minnufih qabel l-paragrafu (b) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) il-ħruġ ta' avviż ta' protezzjoni msemmi fir-regolament 17A u ta' avviż ta' protezzjoni ta' speċi fir-regolament 26A;"

**Jemenda Regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.**

19. Ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) il-kliem "tippubblika lista dettaljata ta' dawk l-ispeċi li huma invasivi jew meqjusa bħala invasivi għal Malta." għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "tippubblika lista ta' dawk l-ispeċi li huma invasivi jew meqjusa bħala invasivi għal Malta, magħrufa bħala *l-lista ta' speċi li huma ta' detriment għall-ambjent.*";

(b) is-subregolament (4) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"**L.S. 549.38.**

(4) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, ebda persuna m'għandha timporta, tittrasporta, żżomm, trabbi, tnissel, tiżra, tħawwel, tbiegħ jew tpartat bi kwalunkwe metodu, xi speċi minn dawk imsemmija fis-subregolament (3).";

(ċ) is-subregolamenti (6) u (7) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subregolamenti (10) u (11) rispettivament;

(d) immedjatament wara s-subregolament (5) għandhom jiżdiedu is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(6) L-awtorità kompetenti tista', f'dak iż-żmien li tiddetermina, tordna lil kwalunkwe proprjetarju jew okkupant ta' sit li fih eżemplari ta' speċi invasivi biex ineħħi, jaqla', jeradika, joqtol jew jeqred kwalunkwe speċi fi żmien stipulata, fejn fl-opinjoni tal-awtorità, dan jikkostitwixxi titjib għall-ambjent.

(7) L-awtorità kompetenti tista' titlob jew toħroġ dikjarazzjoni ta' metodu tat-twettiq biex tiżgura li ordni maħruġa taħt is-subregolament (6) tiġi mwettqa bl-inqas dannu għall-bijodiversità jew għall-ambjent tal-madwar.

(8) L-awtorità kompetenti tista' timplimenta l-intervent meħtieġ, parzjalment jew kollu, kif tqis l-iktar xieraq, bl-ispejjeż għall-persuna li tonqos mili tikkonforma ma' ordni maħruġa taħt is-subregolament (6).

(9) Jekk is-sid jew l-okkupant tas-sit fejn jinsabu speċi invasivi ma jkunx magħruf, l-awtorità kompetenti tista' tippubblika l-ordni fil-Gazzetta u tista' timplimenta l-intervent meħtieġ bi spejjeż tagħha wara disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni tal-ordni, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tiġbor lura kwalunkwe spejjeż dovuti skont is-subregolament (8) ladarba l-persuna tiġi identifikata:

Iżda, f' każijiet li jeħtieġu azzjoni immedjata, l-awtorità kompetenti tista' timplimenta l-intervent meħtieġ, parzjalment jew kollu, kif tqis xieraq, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tirkupra kwalunkwe spejjeż li jkunu saru ladarba dik il-persuna tiġi identifikata."

**Jemenda Regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.**

20. Ir-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(1) Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' metodi u mezzi ta' qbid indiskriminat li jista' jwassal għal għibien lokali jew tfixkil serju ta' xi:

(i) popolazzjoni ta' speċi elenkati fi Skeda VII(a); jew
(ii) popolazzjoni ta' mammiferi elenkati fi Skeda VI(a); jew
(iii) popolazzjoni ta' speċi elenkati fi Skeda V(a), f'każijiet fejn ġew applikati derogi għat-teħid, qbid jew qtil ta' tali speċi."

**Enumerazzjoni mill-ġdid.**

(b) fis-subregolament (2) tiegħu il-kliem "fl-Iskeda XII(a)" għandu jiġi mibdul bil-kliem "fl-Iskeda XI(a)".

(c) fis-subregolament (3) il-kliem "fl-Iskeda XII(b)" għandu jiġi mibdul bil-kliem "fl-Iskeda XI(b)".

**Jemenda Regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.**

21. Fis-subregolament (e) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali l-kliem “fl-Iskeda IV(a) u V(a)” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “fl-Iskeda V u VI.”

**Jemenda Regolament 49 tar-regolamenti prinċipali.**

22. Ir-regolament 49 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) sa (9) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subregolamenti (5) sa (11) rispettivament;

(b) immedjatament wara is-subregolament (2) għandhom jiżdiedu is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

“(3) Kull min jagħmel jew jipprova jagħmel xi reat kontra r-regolamenti 17A, 18 jew 26A, jew jonqos li josserva d-dispożizzjonijet ta’ ordni għal konservazzjoni jista’, meta jinstab ħati, jeħel:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta’ mhux anqas minn ħames mitt euro (€500), iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000);

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti multa ta’ mhux inqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn għoxrin elf euro (€20,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Kull min jagħmel jew jipprova jagħmel xi reat kontra r-regolament 31 jista’, meta jinstab ħati, jeħel:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta’ mhux anqas minn ħames mitt euro (€500), iżda mhux iżjed minn elefejn u ħames mitt euro (€2,500);

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti multa ta’ mhux inqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.”

(ċ) Is-subregolament (6) kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi ssostitwit b’dan li ġej:

“(6)Kull minn jagħmel, jew jipprova jagħmel xi reat kontra kwalunkwe dispożizzjoni fi pjan ta’ tmexxija, jista’, meta jinstab ħati, jeħel multa ta’ mhux anqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000), u jekk ikompli bl-azzjoni tiegħu għal aktar minn tliet xhur, għal priġunerija għal żmien mhux anqas minn tliet xhur, iżda mhux iżjed minn sentejn.”

**Jemenda-Skeda IV tar-regolamenti prinċipali.**

23. Skeda IV tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b’din li ġejja:

“SKEDA IV

**CRITERIA FOR SELECTING SITES ELIGIBLE FOR IDENTIFICATION AS SITES OF NATIONAL IMPORTANCE AND OF INTERNATIONAL IMPORTANCE AND DESIGNATION AS SPECIAL AREAS OF CONSERVATION**

STAGE 1: Assessment at national level of the relative importance of sites for each natural habitat type in Schedule I and each species in Schedule II or III (including priority natural habitat types and priority species).

A. Site assessment criteria for a given natural habitat type in Schedule I

(a) Degree of representativity of the natural habitat type on the site.
(b) Area of the site covered by the natural habitat type in relation to the total area covered by that natural habitat type within Malta.
(c) Degree of conservation of the structure and functions of the natural habitat type concerned and restoration possibilities.
(d) Global assessment of the value of the site for conservation of the natural habitat type concerned.

B. Site assessment criteria for a given species in Schedule II

(a) Size and density of the population of the species present on the site in relation to the populations present within Malta.
(b) Degree of conservation of the features of the habitat, which are important for the species concerned, and restoration possibilities.
(c) Degree of isolation of the population present on the site in relation to the natural range of the species.
(d) Global assessment of the value of the site for conservation of the species concerned.

C. Site assessment criteria for a given species in Schedule III shall be the threat status of such species.

D. On the basis of these criteria, the competent authority will classify the sites, which it proposed on the national list as sites eligible for identification as sites of National Importance and of International Importance according to their relative value for the conservation of each natural habitat type in Schedule I or each species in Schedule II or III.

E. That list will show the sites containing the priority natural habitat types and priority species selected by the competent authority on the basis of the criteria in A and B above.

STAGE 2: Assessment of the national and international importance of the sites included on the national lists.

1. All the sites identified by the competent authority in Stage 1, which contain priority natural habitat types, and/or species will be considered as sites of National Importance and of International Importance.

2. The assessment of the national and international importance of other sites, i.e. their contribution to maintaining or re-establishing, at a favourable conservation status, a natural habitat in Schedule I or a species in Schedule II or III and/or to the coherence of the National

Ecological Network and the Pan-European Ecological Network will take account of the following criteria:

(a) relative value of the site at national level;
(b) geographical situation of the site in relation to migration routes of species in Schedule II and III;
(c) total area of the site;
(d) number of natural habitat types in Schedule I and species in Schedule II or III present on the site; (e) global ecological value of the site for the biogeographical regions concerned, as regards both the characteristic of unique aspect of its features and the way they are combined.

**Jemenda Skeda VI tar-regolamenti prinċipali.**

24. Skeda VI tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:
(a) taħt it-titolu "CNIDARIA" l-ispeċi elenkati għandhom jiġu ssostitwiti bl-ispeċi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| *Antipathes* spp. | Qroll l-iswed | Black Coral |
| *Astroides calycularis* | Qroll tad-Dell | Star Coral |
| *Callogorgia verticillata* | Sawt il-Baħar | Soft Coral |
| *Cladocora caespitosa* | Qroll Abjad | Stone Coral; White Coral |
| *Cladocora debilis* | Qroll Abjad | Thin Tube Coral |
| *Corallium rubrum* | Qroll Aħmar | Precious Coral, Sardinian Coral; Red Coral |
| *Dendrophyllia cornigera* | Qroll Isfar tal-Fond | Yellow Tree Coral |
| *Dendrophyllia ramea* | Qroll Oranġjo tal-Fond | Yellow Coral |
| *Desmophyllum dianthus* | Trumbetta tal-Fond | Cockscomb Cup Coral |
| *Ellisella paraplexauroides* | Eliżella; Gorgonja Kbira | Candelabrum Coral |
| *Errina aspera* | Errina | Hydrocoral;<br>Errina; Stylasterid Coral |
| *Hornera lichenoides* | Qroll Falz | False Coral |

| | | |
|---|---|---|
| *Isidella elongata* | Imrewħa tal-Fond | Bamboo Coral |
| *Leiopathes glaberrima* | Qroll il-Glabru | Smooth Black Coral |
| *Lophelia pertusa* | Lofelja; Qroll tal-Fond | Deep Water Coral |
| *Madrepora oculata* | Madripora tal-Għajn; Qroll tal-Fond | Zigzag Coral |
| *Parantipathes larix* | Abit tal-Baħar; Qroll l-Iswed | Black Coral |
| *Savalia savaglia [=Gerardia savaglia]* | Qroll Iswed il-Falz | False Black Coral" |

(b) l-ispeci mniżżlin taħt it-titolu "LEPIDOPTERA" għandhom jiġu ssostitwiti bl-ispeċi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| Lasiocampidae | | |
| *Gastropacha quercifolia* | Werqa Niexfa | Lappet Moth |
| *Lasiocampa quercus* | Baħrija tal-Ballut | Oak Eggar |
| Noctuidae | | |
| *Catocala conjuncta* | Katokala Rari, Baħrija tal-Luq | Red Underwing |
| *Catocala elocata* | Elokata | Red Underwing |
| *Catocala nymphaea* | Katokala Safra Kbira, Baħrija tal-Luq | Oak Yellow Underwing |
| *Catocala nymphagoga* | Katokala Safra Żgħira, Baħrija tal-Luq | Oak Yellow Underwing |
| Sphingidae | | |
| All species | | |
| Hesperiidae | | |
| *Gegenes pumilio* | Il-Baħri | Pygmy Skipper |
| Lycaenidae | | |

| | | |
|---|---|---|
| *Aricia agestis* | Kannelli tal-Anġlu | Brown Argus |
| *Azanus ubaldus* | | Bright Babul Blue |
| *Celastrina argiolus* | Ikħal Fiddieni | Holly Blue |
| *Lampides boeticus* | Ikħal tad-Denb Twil | Long-tailed Blue |
| *Leptotes pirithous (= Papilio plinius, Syntarucus pirithous)* | Ikħal tad-Denb Qasir | Lang's Short-tailed blue |
| *Lycaena phlaeas* | Farfett tas-Selq | Small Copper |
| *Plebejus argus* | | Silver-studded Blue |
| *Polyommatus celina* | Farfett tal-Anġlu | Southern Common Blue |
| *Polyommatus Icarus* | Farfett tal-Anġlu | Common Blue |
| *Polyommatus thersites* | Farfett tal-Anġlu | Chapman Blue |
| *Zizeeria karsandra* | Ikħal tal-Afrika | Dark Grass Blue |

Nymphalidae

| | | |
|---|---|---|
| *Coenonympha lyllus* (= *C. pamphilus lyllus*) | Kannella Żgħir | Esper's Heath |
| *Coenonympha pamphilus* | Kannella Żgħir | Small Heath |
| *Hipparchia blachieri (= H. algirica vallettai, H. aristeus blachieri)* | | Sicilian Grayling |
| *Lasiommata megera* | Kannella tax-Xemx | Wall Brown |
| *Maniola jurtina* | Kannella Kbir | Meadow Brown |
| *Nymphalis polychloros* | | Large Tortoiseshell; Blackleg Tortoiseshell |
| *Parage aegeria* | Kannella tad-Dell | Speckled Wood |
| *Polygonia egea* | | Southern Comma |

Papilionidae

| | | |
|---|---|---|
| *Iphiclides podalirius* | | Scarce Swallowtail; Sail Swallotail; Pear Tree Swallowtail |
| *Papilio saharae* | | Sahara Swallowtail |
| Pieridae | | |
| *Colias croceus* | Farett tas-Silla | Clouded Yellow |
| *Gonepteryx cleopatra* | Farfett taż-Żiju | Cleopatra |
| Tineidae | | |
| *Morophaga choragella* | | Large Cloths Moth |

(c) l-ispeci mniżżlin taħt it-titolu "ORCHIDACEAE" għandhom jiġu ssostitwiti bl-ispeċi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| *Anacamptis longicornu* (Poiret) Bateman, Pridgeon et Chase [=*Orchis longicornu* Poiret] | Orkida tal-Qarn Twil; Orkida tal-Qrun | Horned Orchid; Long-Spurred Orchid |
| *Anacamptis morio* (L.) Bateman, Pridgeon et Chase s.str. [=*Orchis morio* L. s.str.] | Orkida tal-elmu | Green Winged Orchid |
| *Anacamptis* sect. *Moriones* | Orkidi tal-Elmu | Winged Orchids |
| *Anacamptis papilionacea* (L.) Bateman, Pridgeon et Chase s.l. [= *Orchis papilionacea* L. s.l.] | Farfett | Butterfly Orchid |
| *Barlia robertiana* (Loiseleur) Greuter [= *Himantoglossum robertianum* (Loiseleur) Delforge] | Orkida Kbira | Giant Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| *Neotinea commutata* (Tod.) R.M.Bateman<br><br>[= *Orchis commutata* Tod.; *Neotinea tridentata* subsp. *commutata* (Tod.) R.M.Bateman, Pridgeon et M.W.Chase] | Orkida tat-Tikek | Sicilian Milky Orchid |
| *Neotinea conica* [=*Orchis conica* Willdenow; *O. pusilla* Tyteca; *Neotinea tridentata* subsp. *conica* (Willdenow) Bateman, Pridgeon et Chase] | Orkida tat-Tikek | Conical Milky Orchid |
| *Neotinea lactea* (Poiret) Bateman [=*Orchis lactea* Poiret; *O. acuminata* Desfontaines] | Orkida tat-Tikek | Spotted Milky Orchid |
| *Neotinea maculata* (Desfontaines) Stearn [= *Orchis intacta* Link; *Neotinea intacta* (Link) Rchb. fil.] | Orkida Rqiqa; Orkida tal-Weraq Imtebba' | Dense-Flowered Orchid |
| *Neotinea tridentata* (Scopoli) R.M.Bateman, Pridgeon et M.W.Chase s.l. [= *Orchis tridentata* Scopoli; *O. variegata* Allioni;] | Orkida tat-Tikek | Milky Orchid |
| *Neottia nidus-avis* (L.) L.C.M.Richard [= *Ophrys nidus-avis* L.] | Bejtet l-Għasfur; Budebbus Falz | Birdsnest Orchid |
| *Ophrys apifera* Hudson [= *Ophrys arachnites* Miller] | Naħla | Bee Orchid |
| *Ophrys* Sect. *Bertoloniorum* | Dubbiena ta' Bertoloni | Bertoloni's Bee Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| *Ophrys bertolonii* Moretti s.str. | Dubbiena ta' Bertoloni | Bertoloni's Bee Orchid |
| *Ophrys caesiella* Delforge [= *Ophrys fusca* subsp. *caesiella* (Delforge) Kreutz; *O. bilunulata* subsp. *caesiella* (Delforge) Paulus | Dubbiena Żgħira ta' Malta; Dubbiena tat-Tikek | Small Maltese Brown Orchid |
| *Ophrys calliantha* Bartolo et Pulvirenti [= *Ophrys candida* subsp. *calliantha* (Bartolo et Pulvirenti) Kreutz; *Ophrys oxyrrhnchos* subsp. *calliantha* (Bartolo et Pulvirenti) Galesi, Cristaudo et Maugeri] | Brimba Mlewna ta' Sqallija | Sicilian Beaked Spider Orchid |
| *Ophrys explanata* (Lojacono) Delforge [= *Ophrys bertolonii* subsp. *explanata* (Lojacono) Soca] | Dubbiena ta' Sqallija | Sicilian Bertoloni's Bee Orchid |
| *Ophrys fuciflora* s.l. (F.W. Schmidt) Moench [= *Ophrys holosericea* s.l. auct. fl. Melit. non (Burm.) Greuter | Brimba | Late Spider Orchid |
| *Ophrys fusca* Link s.l. | Dubbien | Brown Orchids; Sombre Bee Orchids |
| *Ophrys garganica* E. Nelson ex O. Danesch et E. Danesch [= *Ophrys incubacea* subsp. *garganica* (E. Nelson ex O. Danesch et E. Danesch) Galesi, Cristaudo et Maugeri; *O. passionis* subsp. *garganica* E. Nelson ex | Brimba tal-Ġwienaħ Safrana | Gargano Spider Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| H. Baumann et R. Lorenz] | | |
| *Ophrys glabra* Persoon [= ?*Ophrys lutea* subsp. *lutea* Cavanilles] | Żunżana tal-Magħreb | Maghrebian Yellow Bee Orchid |
| *Ophrys grandiflora* Tenore [= *Ophrys tenthredinifera* subsp. *grandiflora* (Tenore) Kreutz | Naħla Kbira ta' Sqallija | Sicilian Sawfly Orchid |
| *Ophrys hospitalis* Delforge [= *Ophrys iricolor* subsp. *hospitalis* (Delforge) Mifsud et Lewis] | Dubbiena tal-Kavallieri; Dubbiena Bikrija | Hospitallier Rainbow Bee Orchid |
| *Ophrys incubacea* Bianca [= *Ophrys atrata* Lindl.; *O. sphegodes* subsp. *atrata* (Rchb. fil) Bolòs] | Brimba tal-Ġwienaħ | Bianca's Spider Orchid |
| *Ophrys iricolor* Desfontaines s.l. [= *Ophrys fusca* subsp. *iricolor* (Desfontaines) Richter s.l.] | Dubbiena | Blue Orchid |
| *Ophrys lacaitae* Lojacono [= *Ophrys oxyrrhynchos* subsp. *lacaitae* (Lojacono) Del Prete | Brimba Safra | Yellow Spider Orchid; Lacaita's Spider Orchid |
| *Ophrys lojaconoi* Delforge [= *Ophrys iricolor* subsp. *lojaconoi* (Delforge) Kreutz] | Dubbiena ta' Lojacono | Lojacono's Rainbow Bee Orchid |
| *Ophrys lucifera* Devillers-Terschuren et Devillers [= *Ophrys fusca* subsp. *lucifera* (Devillers-Tersch. et Devillers) Kreutz] | Dubbiena tar-Rebbiegħa | Brown Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| *Ophrys lupercalis* Devillers-Terschuren et Devillers [= *Ophrys fusca* subsp. *lupercalis* (Devillers-Terschuren et Devillers) Kreutz] | Dubbiena tal-Luperkalja | Lupercalia Rainbow Bee Orchid |
| *Ophrys lutea* Cavanilles s.str. [= *Ophrys vespifera* Brotero] | Żunżana l-Kbira | Yellow Bee Orchid |
| *Ophrys mesaritica* (Paulus, C. Alibertis et A. Alibertis) Kreutz [= *Ophrys iricolor* subsp. *mesaritica* Paulus, C. Alibertis et A. Alibertis] | Dubbiena Bikrija | Cretan Rainbow Bee Orchid |
| *Ophrys oxyrrhynchos* Todaro [= *Ophrys fuciflora* subsp. *oxyrrhynchos* (Todaro) Soó | Brimba ta' Sqallija | Beaked Spider Orchid |
| *Ophrys pallida* Rafinesque [= *Ophrys fusca* subsp. *pallida* (Rafinesque) EG Camus; *O. pectus* Mutel] | Dubbiena Milwija | Pale Green Orchid; Reflexed Brown Orchid |
| *Ophrys passionis* Sennen s.l. [= *O. garganica* subsp. *passionis* (Sennen ex Devillers-Tersch. & Devillers) Paulus & Gack s.l.] | Brimba tal-Ġwienaħ Safrana | Easter Spider Orchid; Passion Spider Orchid |
| *Ophrys phryganae* Devillers-Terschuren et Devillers [= *Ophrys lutea* subsp. *phryganae* (Devillers-Terschuren et Devillers) Melki] | Żunżana tal-Lvant | Eastern Yellow Bee Orchid |
| *Ophyrs* Sect. *Pseudophrys* | Dubbien; Żunżan | Bee Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| *Ophrys romolinii* Soca [= *Ophrys bertolonii* subsp. *romolinii* (Soca) Véla et R.Martin] | Dubbiena ta' Romolini | Romolini's Bee Orchid |
| *Ophrys sicula* Tineo [= *Ophrys minor* (Todaro) Paulus et Gack; *O. lutea* subsp. *minor* (Todaro) O Danesch et E Danesch; *O. lutea* subsp. *sicula* (Tineo) Soldano] | Żunżana ż-Żgħira | Sicilian Yellow Bee Orchid |
| *Ophrys speculum* Link [= *Ophrys ciliata* Bivona-Bernardi] | Dubbiena l-kaħla | Mirror Orchid; Mirror of Venus |
| *Ophrys sphegodes* Miller s.l. [= *Ophrys aranifera* Hudson s.l.] | Brimba | Spider Orchid |
| *Ophrys tenthredinifera* Willdenow s.str. [= *Ophrys tenoreana* Lindley s.l.] | Naħla Kbira | Sawfly Orchid |
| *Ophrys vallesiana* Deviller-Terschuren et Devillers [= *Ophrys iricolor* subsp. *vallesiana* (Devillers-Terschuren et Devillers) Paulus et Gack] | Dubbiena ta' Tuneż | Vallès Rainbow Bee Orchid |
| *Ophrys x gaulosana* Mifsud [= *Ophrys melitensis* x *tenthredinifera*] | Dubbiena ta' Għawdex | Gozo Spider Orchid |
| *Ophrys x tumentia* Mifsud [= *Ophrys caesiella x iricolor*] | Dubbiena ta' Sidirha Kbir | Swollen-Chest Brown Bee Orchid |

| | | |
|---|---|---|
| *Orchis italica* Poiret [= *Orchis longicruris* Link; *O. undulatifolia* Bivona-Bernardi] | Ħajja u Mejta tal-Werqa Fdewxa; Orkida tal-Weraq Fdewxa | Naked-Man Orchid |
| *Serapias bergonii* E.G. Camus [= *Serapias vomeracea* subsp. *laxiflora* (Soó) Gölz et Reinhard] | Orkida tal-Ilsien tal-Lvant | Eastern Ploughshare |
| *Serapias cordigera* L. [= *Serapias ovalis* LCM Richard] | Orkida tal-Qalb | Heart-Flowered Tongue Orchid |
| *Serapias lingua* L. [= *Serapias columnae* (Rchb. Fil.) Lojacono] | Orkida tal-Ilsien | Tongue Orchid; Tongue Serapias |
| *Serapias orientalis* (Greuter) Baumann et Künkele [= *Serapias vomeracea* subsp. *orientalis* Greuter] | Orkida tal-Ilsien tal-Lvant | Oriental Tongue Orchid |
| *Serapias vomeracea* (Burmann fil.) Briquet [= *Orchis vomeracea* Burmann fil.; *Serapias longipetala* (Tenore) Pollini] | Orkida tal-Ilsien Kbir | Ploughshare; Long-Lipped Tongue Orchid |
| *Spiranthes spiralis* (L.) Chevallier [= *Spiranthes autumnalis* LCM Richard] | Il-Ħajja u Mejta tal-Ħarifa | Autumn Lady's Tresses |

**Jemenda Skeda VII tar-regolamenti prinċipali.**

25. Fis-Skeda VII tar-regolamenti prinċipali taħt it-titolu 'CRUSTACEA – DECAPODA' l-isem '*Scillarides latus*' għandu jiġi ssostitwit bl-isem '*Scyllarides latus*'.

**Jemenda Skeda VIII tar-regolamenti prinċipali.**

26. Skeda VIII tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) taħt it-titolu 'Alopiidae' għandu jiżdied l-ispeċi li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| *Alopias superciliosus* | Pixxivolpi ta' Għajnu Kbira | Bigeye Thresher Shark |

(b) taħt it-titolu Carcharhinididae' għandu jiżdied l-ispeċi li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| *Carcharhinus obscurus* | Kelb il-Baħar Sewdieni | Dusky Shark |

(c) l-ispeċi li ġejjin li huma mniżżla taħt it-titolu 'CRUSTACEA' għandhom jiġu mħassra:

| | | |
|---|---|---|
| *Scyllarus latus* *[= Scyllarides latus]* | Ċkala; Ċkala Ħamra | Flat Lobster; European Paddle-Nosed Lobster |

**Iħassar Skeda XI.**

27. Fir-regolamenti prinċipali Skeda XI għandha tiġi mħassra.

**Jemenda Skeda XII tar-regolamenti prinċipali.**

28. Is-skeda XII tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Skeda XII għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala Skeda XI.

(ii) Il-kliem "SCHEDULE IX(a)" u "SCHEDULE IX(b)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Skeda XI(a)" u "Skeda XI(b)" rispettivament.

Data: 3 ta' Frar 2019